**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M. Jur.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Eman Ebejer**

Kumpilazzjoni Numru: 537/24

Illum 09 ta' Ottubru 2024;

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata f'isem ir-Repubblika ta' Malta nhar it-2 ta' Lulju 2024 kontra:

**Eman Ebejer** ta' 38 sena, bin Joseph u Mary nee` Zammit, imwieled Pieta', nhar il-25 t'Awissu 1985, u minghajr indirizz fiss u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 439685M.

U f'isem ir-Repubblika ta' Malta gie akkuzat talli:

Nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha u ghaoxrin (2024) ghall-habta tas-sebgha u nofs nieqes hamsa ta' fil-ghaxija (19:25), gewwa 8, Triq Nerik Xerri, Kirkop:

1. Ikkommetta serq ta' kumpressur u apparat ta' gym, liema serq huwa kkawlifikat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jkun aktar minn mitejn u tnejn u tletin u erbgha u disghin centezmu izda ma jkunx izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu u dan sar ghad-detriment ta' Emanuel Farrugia u/jew Charles Farrugia u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammont ta' hsara jiskorri l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) izda izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' Emanuel Farrugia u/jew Charles Farrugia u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

3. U aktar talli jghix hajja ta' ghazz u vagabundagg;

4. U aktar talli meta kkommetta r-reati hawn fuq imsemmija, naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Magistrat Dr Rachel Montebello fid-digriet datat nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u/jew kif sussegwentament gie emendat li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli meta kkommetta r-reati hawn fuq imsemmija, kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr Joe Mifsud datata nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru elfejn u ghoxrin (2020), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

F'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi l-Qorti giet gentilment mitluba sabiex thaddem kontra l-hati d-disposizzjonijiet tal-Art 15A tal-Kodici Krininali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-Ligi.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija titratta mal-imputat Eman Ebejer bhala recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati mill-Qorti Kriminali u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-Ligi.

F'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex thaddem kontra l-hati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodici Krininali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-Ligi.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-imputat u kif ukoll li l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija (skont kif indikat fir-raba (4) imputazzjoni) ikun ikkonfiskat fl-intier tieghu jew f'parti minnu favur il-gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravita tar-reati;

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta tal-partijiet lezi.

Rat li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2024.[1]

Rat il-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[2].

Rat in-nota tal-Avukat Generali ta' nhar it-tnejn (2) ta' Lulju 2024 li tat il-kunsens biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[3]

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2024, il-prosekuzzjoni irtirat l-ewwel akkuza filwaqt li l-imputat wiegeb hati ghall-bqija tal-akkuzi.

Rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju matur tal-proceduri, liema ammissjoni giet registrata dakinhar stess fl-istess seduta.

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi li l-Prosekuzzjoni zammet fermi fil-konfront tieghu fl-istess seduta tas-17 ta' Settembru 2024.

[1] Folio 32 tal-process.
[2] Folio 9 sa 26 tal-process.
[3] Folio 31 tal-process.

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, il-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat fl-istess seduta reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu ghajr dik li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat rega' ikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahseb dwar dan u wara li inghata il-hin mehtieg biex jikkonsulta dwar tali ammisjoni mal-avukat li qed tassistih.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha migjuba.

Semghet sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda principarjament hsara volontarja li allegatamant ghamel l-imputat fil-propjeta ta' certu Emanuel Farrugia. Farrugia kien irraporta lill-pulizija nhar it-28 ta' Gunju 2024 fejn infurmahom li sar jaf li persuna jew persuni mhux awtorizzati minnu dahhlu fil-fond 30, plot 8, fi Triq Nerik Xerri kantuniera ma' Triq il-Ghasel, Kirkop minghajr awtorizzazzjoni tieghu. Il-pulizija marru fuq il-post u barra l-imputat sabu lil certa Gertrude Mupimhidzi K.I. 470798M. Dawn it-tnejn ma ghandhomx residenza fissa. Farrugia mar fuq il-post u ikkonstata li l-vettura tat-tip Mercedes ACU 965 kellha xi grif li qabel ma kinux hemm.

**Il-Provi**

Xehed **Emanuel Farrugia** nhar l-10 ta' Lulju 2024 fejn spjega li huwa sid il-fond 30, Triq Nerik Xerri kantuniera ma' Triq il-Ghasel u kien hu li informa lill-pulizija li kien hemm xi persuna jew persuni mhux awtorizzati minnu fil-fond nhar it-28 ta' Gunju 2024.[4] Jghid li hu mar mal-pulizija u sab li fil-fond qed joqghod persuna li hu ma kienx awtorizzah jghix hemm. Isostni li innota ukoll xi hsarat fil-fond. Jghid li hu gab stima tal-hsarat li jammontaw ghal tlett mija u hdax-il Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€311.52).[5]

Xehed **Joseph Mizzi** nhar l-10 ta' Lulju 2024 fejn ikkonferma li mar fil-fond de quo u hareg l-istima immarkata Dok JM.[6]

Xehed **Carmelo Farrugia** nhar t-23 ta' Lulju 2024 fejn spjega li kien gie wiehed u qallu li fil-fond mertu ta' dawn il-proceduri kien hemm

[4] Folio 47 tal-process.
[5] Folio 52 tal-process.
[6] Folio 47 tal-process.

persuna li qed tghix. Qal li cempel lil huh Manuel Farrugia u qallu biex jinforma lill-pulizija u ma jmurx wahdu fil-fond. Jghid li fil-fond kien hemm xi affarijiet neqsin bhall-kompressur li jiswa mitejn Ewro (€200).[7]

Xehed **PC 206 Mario Barbara** nhar it-23 ta' Lulju 2024 fejn spjega l-involviment tieghu fil-kaz u qal li irrikorra fil-fond mertu tal-ilment fit-28 ta' Gunju 2024. Jghid li certu Carmel, li jigi hu is-sid, qallu li l-kompressur ma kienx hemm u li kien hemm xi grif mal-karrozaa BMW bin-numru ta' registrazzjoni ACU 965.

Kontro-ezaminat jghid li hu qed jitkellem fuq dak li qalu lilu u hu ma ghamilx investigazzjonijiet ulterjuri.[8]

Xehed **Pawlu Sant** nhar it-30 ta' Lulju 2024 jghid li hu joqghod ftit 'l boghod mill-fond li fuqu huwa ibbazat dan il-kaz u ra mara ta' karnaggon skura.[9] Jghid li l-imputat rah hiereg minn gol-garaxx u dan kien xi tlett xhur qabel.

Xehed **PS 209 Julian Grech** nhar is-6 ta' Awwissu 2024 u qal li hu kien duty gewwa l-ghassa ta' B'Bugia meta ircevew telefonata li fil-fond de quo kien hemm persuna jew persuni li dahlu fil-binja minghajr permess.[10] Jghid li sabu l-imputat u meta mistoqsi x' kien qed jaghmel hemm hekk qallu li kien qed joqghod hemm. Qal li hu qallu li hemm ma kienx tieghu u innota tieqa mkissra. Qal li Carmelo Farrugia qallu

[7] Folio 63 tal-process.
[8] Folio 67 tal-process.
[9] Folio 87 tal-process.
[10] Folio 103 tal-process.

li kien hemm kompressur nieqes b'valur ta' mitejn Ewro (€200) u Emanuel Farrugia qallu li l-Mercedes kellha girfa tul iz-zewg bibien.

Xehed l-i**Spettur John Sammut** nhar is-6 ta' Awwissu 2024 fejn esebixxa numru ta' ircevuti in konnesjoni mal-kaz a folio 110 u 111. Huwa rega' xehed nhar is-16 ta' Awwissu 2024 fejn ipprezenta vera kopja tal-kundizzjonijiet tal-bail li l-imputat kien inghata minn din il-Qorti kif diversament ppreseduta nhar 20 ta' Settembru 2024,[11] sentenza moghtija kontra l-imputat minn din il-Qorti diversament ppreseduta datata 19 ta' Frar 2020[12] u sentenza minn din il-Qorti kif ppreseduta kontra l-imputat datata 11 ta' Ottubru 2021.[13]

Xehdet **Stephania Calafato Testa** nhar it-28 ta' Awwissu 2024 fil-vesti taghha ta' assistant registratur fil-Qrati Kriminali fejn ikkonfermat is-sentenzi ipprezentati mill-iSpettur Sammut kif ukoll ezebit sentenza ohra fil-konfront tal-imputat li giet deciza fl-24 ta' Settembru 2020 fejn l-imputat gie ikkundannat tmintax (18)-il xahar habs sospizi ghall-erba' (4) snin.[14]

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2024, l-imputat irregistra ammissjoni ghajr ghall-ewwel akkuza, liema ammissjoni huwa rega' ikkonferma wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, il-piena erogabbli ghall-istess akkuzi,

[11] Folio 123 tal-process.
[12] Folio 125 tal-process.
[13] Folio 128 tal-process.
[14] Folio 136 u 137 tal-process.

liema ammissjoni l-imputat wkoll ikkonferma wara illi l-Qorti tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li inghata il-hin mehtieg biex jikkonsulta dwar tali ammisjoni mal-avukat li qed tassistih.

Illi in vista tal-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi dedotti kontrih, salv l-akkuza numru wiehed (1) li giet irtirata mill-prosekuzzjoni jidher li l-akkuza principali li jibqa' fil-konfront tal-imputat hija dik bin-numru tnejn (2) li hija dwar hsara volontarja.

Il-piena taht l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija s-segwenti:

*(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (€2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar.*

Il-Qorti tqis li f'dan il-kaz, tenut kont tal-passat tal-imputat, fejn l-imputat gia inghata diversi opportunitajiet biex jirrijabilita ruhu, u konsegwentament l-imputat ghandu jinstab ukoll hati tar-recediva taht l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tapplika il-piena ta' habs effettiv u mhux fil-minimu taghha.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti giet mitluba biex titratta mal-imputat bhala recidiv ai termini ta' l-artikolu artikolu 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din it-talba ukoll

tinsab sodisfacament ippruvata mhux biss bl-ammissjoni tal-imputat izda ukoll bid-diversi sentenzi ezebiti in att.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-piena jidher li l-imputat ma tghallem xejn u ma jridx jaghmel sforz genwin biex jirranga hajtu u dan sabiex ma jkomplix ikun ta' periklu u hsara la ghalih u lanqas ghall-ohrajn u ghalhekk din il-Qorti tqis illi ***piena karcerarja effettiva hija adegwata ghall-kaz odjern***. Jidher li b'hekk biss l-imputat jista' jzomm boghod mid-droga[15], mill-hajja refrattarja tieghu kif ukoll ma jkunx ta' periklu ghal nies ohra u forsi din tkun ghalih opportunita' ohra sabiex jirrejalizza dan kollu u juza dan iz-zmien a beneficcju tieghu.

Din il-Qorti ghalkemm ghandha simpatija ghas-sitwazzjoni socjali tal-imputat jidher li matul iz-zmien hu kellu diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhu li hu ghazel li ma jehodhomx. Lanqas tista' il-Qorti tinnjora li llum l-imputat ghandu tmienja u tletin (38) sena u li tul hajtu xellef difrejh mal-gustizzja diversi drabi. Il-fatt li flimkien mal-partner tieghu qed jistennew tewmin, meta skond id-difiza huma diga' kellhom sitwazzjoni prekarja mil-lat socjali u finanzjarja jinkwetaw ferm il-Qorti. Filwaqt illi wiehed jippartecipa fil-krejazzjoni tal-hajja hija dejjem aspett posittiv, din il-Qorti ma tistax tifhem li xi hadd ta' eta matura volontarjament jaghzel igib hlejjaq fid-dinja meta jaf li tali process ha johloq tbatija ghalih u possibilment ghall-ulied. Din hija rresponsabilita' gravi u issa l-imputat ma' jistax juza dan l-argument favurih! Il-Qorti taqbel pjenament ma' dak li intqal mill-Onorabbli

[15] Ara stqarrija tal-imputat a folio 8 tal-process.

Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Silvio Valletta u Spettur Jeffrey Cilia) vs Angel Attard** (App. Nru. 148/2005) deciza fit- 23 ta' Gunju 2005 per Onorevoli Joseph Galea Debono fejn sahqet:

**Illi mbaghad il-fatt li fil-frattemp l-appellant ifforma familja u ghandu t-tfal lanqas ma jwassal biex b'hekk hu jeludi s-sanzjoni preskritta mil-ligi ghar-reati minnu kommessi ghaliex kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Tracey Borg" [15.5.2003] :-**

**"Dwar l-… aggravju dwar il-piena mressaq mill-appellanti, din il-Qorti ma tarax li l-fatt li l-appellanti, fil-mori ta' din il-kawza, ghazlet li jkollha t-tfal ghandu jinfluwixxi fuq il-piena. Kieku kellu jsir hekk, persuna taht process kriminali jew addirittura sentenzjata minn Qorti tal-ewwel grad, tista' facilment tirrikorri ghall-espedjent li jkollha t-tfal bil-ghan li tinkorri piena inqas harxa. Kullhadd irid jerfa' r-responsabbilta' ghall-azzjonijiet tieghu w d-decizjoni ta' persuna li jkollha jew ma jkollhiex tfal hija decizjoni personali li wiehed irid jizen b'responsabilta' w impenn konsidrati c-cirkostanzi personali tal-persuna koncernata. Jekk xi hadd jiddeciedi li jkollu t-tfal meta jkun il-habs, hu jrid jerfa' l-konsegwenzi tal-agir tieghu w ma jistax jistenna' li xi Qorti toqghod tqis il-konsegwenzi ghall-prole li ma jkunx qies hu stess."**

Din il-Qorti tawgura lill-imputat li sa fl-ahhar jsib lilu inniffsu u jibda jahdem fuq il-problemi tieghu halli malli jiskonta s-sentenza jkun bniedem mibdul, 'l boghod mill-vizzji li hakmuh matul is-snin. B' hekk ikun jista' jgawdu lilu innifsu u lill-familjari tieghu.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(b)(c ), 263(a), 264(1), 266, 267, 278(2), 279(a), 280(2), 289, 325(1)(b) u 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhux qed tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel akkuza minhabba li din gie irtirata mill-prosekuzzjoni, filwaqt illi qed issib lill-imputat **EMAN EBEJER HATI** tat- tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u qed tikkundannah piena ta' **tnax-il xahar (12) prigunerija effettivi li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li hu inzamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn l-akkuzi**.

Il-Qorti ukoll tordna li l-hati Eman Ebejer jintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud sabiex dik il-Qorti tikkunsidra jekk ghandux jidhol fis-sehh il-perjodu ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija li kien gie sospizi ghal (4) snin, liema sentenza kienet inghatat fil-konfront tal-hati nhar l-24 ta' Settembru 2020, mill-imsemmija Qorti, u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti processwali jintbaghtu lill-imsemmija Qorti.

Barra minn dan il-Qorti qed (1) Tirrevoka l-helsien mill-arrest moghti lill-hati Eman Ebejer u (2) Tordna l-arrest mill-gdid tal-hati Eman Ebejer, liema helsien kien inghata lill-hati Eman Ebejer permezz ta' digriet mahrug minn din il-Qorti diversament preseduta per Magistrat Dottor Rachel Montebello nhar l-20 ta' Settembru 2023, kif ukoll (3) Tordna li parti mill-garanzija personali hemm elenkata ta' erbat (4) elef Ewro a favur il-Gvern ta' Malta ghandha tghaddi favur il-Gvern ta' Malta u dan fl-ammont ta' elf Ewro (€1,000).

Inoltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda Tordna lill-hati Eman Ebejer sabiex fi zmien sitt xhur minn meta jiskonta din is-sentenza u kwalunkwe perjodu iehor ta' prigunerija li jista' jidhol fis-sehh ai termini tas-sentenza li inghatat fil-konfront tal-imputat kif inghad aktar 'il fuq permezz tas-sentenza tal-24 ta' Settembru 2020, huwa jirrestitwixxi is-somma komplessiva ta' tlett mija u wiehed u erbghin Ewro u tlieta u disghin centzmu (€341.93) u tmien Ewro u hamsin centezmu (€8.50) ghal total ta' erba' mija u Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€401.43c)[16].

Il-Qorti taghmel rakomandazzjoni qawwija lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi sabiex jaghti l-assistenza kollha lill-imputat sabiex l-imputat jibda programm ta' rijabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga kif ukoll jekk jirrizulta minn xi vizzju iehor jew xi kundizzjoni ohra u jassikura li wara li l-immputat jiskonta l-piena, l-imputat ikollu saqaf stabbli taht rasu ghalih u ghall-familtu u ma jergax jispicca barra fit-triq. Ghal dan il-ghan il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi sabiex jaghti lill-hati l-assistenza kollha tieghu sabiex jibda l-process mehtieg ma' l-Awtorita' tad-Djar sabiex l-imputat wara li ssir id-debita evalwazzjoni u f'kaz li jinstab eligibbli, possibilment jinghata akkomodazzjoni socjali.

Finalment, il-Qorti Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat mir-Registratur biex tigi inserita fil-process tal-kawza *Il-Pulizija vs Eman Ebejer* per Magistrat Dottor Rachel Montebello biex dik il-Qorti tiehu

[16] Fir-rapport jissemma biss il-kompressur u jidher li fl-istqarrija hemm biss li kisser tieqa u xejn aktar u allura il-Qorti jidhrila li l-hsarat l-ohra ma ghandhomx jigu attribwiti lill-imputat. Ara l-ispejjez mhux ppruvati a folio 110 u folio 100 jew li sahansitra ma jissemmew imkien fir-rapport a folio 30. Barra minn hekk l-anqas il-grif tal-bieba tal-vettura ma gew ikkwantifikati jew b' xi mod attribwiti lill-imputat.

konjizzjoni ta’ dak li gie deciz minn din il-Qorti in relazzjoni mal-helsien mill-arrest tal-imputat.

Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.